# *Mill-Ġdid Poeta* ta' Rużar Briffa

## Taħriġ

**A. Immarka jekk dawn id-dikjarazzjonijiet skont humiex korretti (✓) jew żbaljati (×).**

| | |
|---|---|
| 1. Din il-poeżija hija lirika għaliex il-poeta qed jistqarr l-emozzjonijiet qed iħoss ġo fih. | |
| 2. Ta' poeta Romantiku, Briffa jħossu distint u speċjali għaliex il-poeżija tagħtih vuċi biex jesprimi l-emozzjonijiet kollha tiegħu. | |
| 3. F'din il-poeżija Briffa qiegħed jaqsam magħna biss l-emozzjonijiet negattivi li jqanqal fih il-mard li jiltaqa' miegħu fil-professjoni medika tiegħu. | |
| 4. Minn din il-poeżija nistgħu nikkonkludu li din hija poeżija minn tal-bidu għaliex Briffa jistqarr li għal xi żmien ma kienx jaf fuq xiex ser jikteb għaliex ma kellux biżżejjed esperjenza bħala poeta. | |
| 5. F'din il-poeżija Briffa juża l-vers ħieles biex juri d-differenza fil-burdata tiegħu. | |

**B. Waqt li tirreferi għall-poeżija, wieġeb fi kliem dawn il-mistoqsijiet.**

1. X'tip ta' sitwazzjonijiet kiteb dwarhom il-poeta fil-poeżija tiegħu tul ħajtu?

___

___

2. B'referenza għat-titlu tal-poeżija, spjega x'qiegħed jiċċelebra l-poeta permezz ta' din il-poeżija?

___

___

3. Għalfejn taħseb li Briffa juża l-verb ***għannejt*** f'din il-poeżija u jsejjaħ il-poeżija bħala għanja?

___

___

Isem: ___________________________ Klassi: _______________

4. Kif ħassu Briffa meta għal xi żmien tilef l-ispirazzjoni li jikteb il-poeżija u għaliex taħseb li ħassu hekk? Saħħaħ l-argument tiegħek billi tikkwota mill-poeżija.

5. Ikteb fuq l-iskema tar-rima li nsibu fil-poeżija.

6. *u, bħal għasfur imġennen għas-sbuħija* v. 29

a. X'figura tat-taħdit insibu f'dan il-vers?

b. Fisser din il-figura tat-taħdit fil-kuntest tal-kumplament tal-poeżija.

7. Briffa joħloq żewġ pari ta' versi (v. 6-7, 23-24) li jibdew bil-verb "*għannejt*"? X'jissejjaħ dan l-element retoriku u x'effett joħloq fil-poeżija?

8. Fl-aħħar strofa l-poeta jippreżentalna metafora biex juri l-ferħ tiegħu li reġa' kiseb mill-ġdid l-ispirazzjoni poetika. Spjega fi kliemek x'qiegħed ixebbah u uri kif dan ix-xebh għandu tifsira pożittiva.

